KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 49B

Id-disa u għoxrin (B) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2016 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| SKUZATI | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| UFFIĊĊJALI PREŻENTI | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Konsultazzjoni mal-MEPA dwar zvilupp gdid f'Fort Cambridge*
2. *Applikazzjoni MEPA – Monument f'Gieh Sri Chinmoy*

## 1. KONSULTAZZJONI MAL-MEPA DWAR ZVILUPP GDID F'FORT CAMBRIDGE

1.1 Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill gie mistieden ghal din il-laqgha tal-Kunsill sabiex jispjega dan l-izvilupp propost.

1.2 Saret spjegazzjoni tal-progett mil-Perit lill-Kunsilliera prezenti u l-impatt tieghu fuq il-binja storika.

1.3 M Briguglio ta' spjega tal-proposti illi huwa bghatt dwarhom permezz ta' email lill-Kunsilliera diga. Il-Perit qal li dawn il-proposti huma ezawrenti bizzejjed u li l-Kunsill ikun jista jibghat lill-MEPA dwarhom.

1.4 L Cassar Shaw sehqet fuq il-punt illi r-residenti ta' Fort Cambridge stess, ghandhom personalment fil-kuntratti taghhom, illi s-sit propost ghaz-zvilupp qatt ma kellhu jkun ghola min erbgha sulari. Il-Kunsill qabel li din imma hija materja li r-residenti iridu jmexxu legalment huma stess.

1.5 Il-Kunsill qabel mal-punti msemmija kemm mill-Kunsillier Briguglio u mil-Perit, u ghaldaqstant, qabel li l-Perit ilesti *draft representation* sabiex din tintbghat sa ghada lill-MEPA, fuq il-punti msemmija f'din il-laqgha.

## 2. APPLIKAZZJONI MEPA – MONUMENT F'GIEH SRI CHINMOY

2.1 Is-Sindku qal li ltaqghu mieghu membri ta' organizzazjoni li ghanda pjanijiet li tqieghed monument fuq il-*promenade* li jghati gieh lill-Sri Chinmoy.

2.2 Is-Sindku, wara li spjega li diga hawn storja ta' attivitajiet marbuta ma din l-organizzazzjoni f'Tas-Sliema madwar 20 sena ilu, qal li din l-organizzazzjoni ser taplika mal-MEPA ghall-permess DNO biex tqieghed l-imsemmi monument.

2.3 Is-Sindku qal li din l-organizzazzjoni qed tikkonsulta mal-Kunsill dwar il-post ezatt fejn jista jitqieghed dan il-monument. Wara diskussjonijiet li saru mal-ghaqda, is-Sindku propona mal-Kunsilliera illi l-ahjar post, sabiex ma jingumbrax il-*promenade* u fl-istess hin jitqieghed vicin mafkar iehor tal-istess organizzazzjoni, ikun fuq il-*promenade* wiesa li hemm faccata tal-kunvent tal-Karmelitani. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-MEPA illi l-Kunsill jaqbel ma dan is-sit ghat-tqeghid ta' dan il-monument.

Minuti approvati llum 19/01/2016

Anthony Chircop
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv